KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

**It-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-ufficċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 17.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**17.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**17.01.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**17.01.03** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 17.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 16)

**17.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 16.

**17.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Karel Zahra, il-minuti ta' seduta 16 ġew approvati unanimament.

## 17.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**17.03.01** *Uniformijiet tal-iskrivani*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn jinxtraw xi items tal-uniformi għall-ħaddiema klerikali. Il-kwotazzjoni miġbura hija mingħand l-istess supplier li diġà nxtraw l-uniformijiet tal-ħaddiema klerikali. Din tammonta għal €1,212.17. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**17.03.02** *Sensor għall-karozzi tal-emerġenza mal-barrier tal-Bajja s-Sabiħa*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li hekk kif intqal fl-aħħar seduta, inġabret kwotazzjoni għal sensor biex il-barrier tax-xatt tinfetaħ awtomatikament hekk kif tisma' s-sirena tal-ambulanza. Il-kwotazzjoni nġabret mingħand l-istess supplier tal-barrier, u din tammonta għal €964.65. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 17.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**17.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hekk kif ġie maqbul fis-seduta preċedenti, bil-għan li jitnaqqsu l-vetturi fiż-żoni pedonali, fl-aħħar ġranet ġew installati numru ta' tabelli madwar ix-xatt li jnaqqsu l-ħinijiet li fihom jistgħu jsiru d-deliveries u li persuna tidħol u tipparkja l-vettura tagħha. Dawn japplikaw għax-xatt ta' San Ġorġ u Wied il-Buni. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie maqbul li jsiru żewġ spazji ta' Un/Loading; wieħed isfel ġewwa Pretty Bay, fejn il-water polo, u l-ewwel parkeġġ ġewwa Wied il-Buni biswit is-Seaside Restaurant. Is-Sindku Scott Camilleri semma li trid issir reviżjoni tal-lista ta' nies li huma awtorizzati biex jinżlu hemm isfel.

**17.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li lbieraħ kien hemm l-EMC meeting tal-Freeport, li jsir darba fix-xahar. Huwa qal ukoll li wasal biex jiġi mġedded il-permess tal-ERA tal-Freeport. Il-Perit Cacopardo talab li ssir laqgħa mal-Kunsill biex jiġu diskussi l-kundizzjonijiet. Il-kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-imsemmija laqgħa ssir nhar id-19 t'Awwissu fil-17:30. Il-Kunsillier Karel Zahra saħaq li r-residenti ta' Birżebbuġa għandhom ikunu infurmati meta tkun se ssir il-konsultazzjoni pubblika mill-entitajiet, permezz ta' ittra jew notifika.

**17.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm biċċa art vojta fi Triq il-Port Ħieles ma' Triq il-Brolli. Huwa qal li l-Kunsill Lokali ġie infurmat li din l-għalqa hija tal-gvern u għaldaqstant ser ikun qiegħed jieħu ħsieb li din titnaddaf. Iktar tard ser jitlob għad-devoluzzjoni tagħha biex eventwalment tintuża għall-ġid tal-komunità tagħna.

**17.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li qed ikun hemm problema mal-iskola, billi dawn qed jimponu fees għall-użu tal-iskola. Apparti dan, qed jimponu wkoll li kull darba li ssir attività ġewwa l-iskola trid issir insurance policy. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie maqbul li tintbagħat email lis-segretarju permanenti u lill-ministru responsabbli, kif ukoll issir talba għal laqgħa mal-prinċipal tal-kulleġġ flimkien mad-direttur ġenerali tal-edukazzjoni.

**17.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar il-gun post f'Għar Dalam. Huwa qal li rċivejna korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Artijiet fejn dawn tal-aħħar ikkonfermaw li dik l-art mhijiex tal-imsemmija awtorità. Il-Kunsillier Alex Caruana se jerġa' jiċċekkja magħhom.

**17.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ċċirkola l-email dwar l-aqua fitness. Huwa rrimarka li l-użu tal-pitch se jkun bla ħlas. Semma wkoll li l-Kunsill se jkun qiegħed jagħmel it-talba għall-claim tal-iskema. Il-Kunsill se jkun qiegħed ikopri l-ispejjeż tas-sessjonijiet li se jkunu qed isiru nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-kunsilliera preżenti.

**17.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar is-sitwazzjoni ta' Triq il-Port Ħieles ma' Triq Ta' Feliċjan u Triq il-Kartaġiniżi, fejn ir-rotta 82A waqfet tgħaddi minn hemm. Huwa qal ukoll li ġie infurmat minn IM li se jsir eżerċizzju min-naħa tagħhom u l-perit talbet għal laqgħa biex tiġi stabbilita l-way forward. Fil-każ ngħaddu għal Plan B.

**17.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li min-naħa tal-Kunsill inħarġu l-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet, gabbani u kiosks. Kulma baqa' hu li jsiru laqgħat żgħar tal-aħħar. Din il-ġimgħa hemm skedata wkoll laqgħa mal-LESA u oħra mal-pulizija.

**17.04.09** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li rċivejna permess RWP biex napprovaw installazzjoni ta' charging pillars f'Misraħ Tal-Pajtier. Huwa spjega li r-raġuni li oġġezzjona kienet li se jkollu jonqos parkeġġ ieħor meta diġà hawn problema kbira ta' parkeġġ fir-raħal. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti ġie maqbul li dawn il-pillars isiru minflok dawk tal-eks kumpanija GOTO li hemm fi Triq is-Sajjied.

**17.04.10** Il-Kunsillier Alex Caruana ta aġġornament dwar problema tad-dawl li hemm f'parti mix-xatt tal-Qajjenza. Dan ta' kull darba qed itir meta jixxarrbu l-wires. Huwa żied li l-kuntrattur għamel spezzjoni dettaljata u sab li hemm ħsarat fil-wires li xxarrbu bix-xita u l-umdità. Għalhekk se jkun qed jagħmel stima tax-xogħlijiet biex jinbidlu l-wires kollha ta' ġol-fanali u, jekk il-Kunsill japprova u jsiru dawn ix-xogħlijiet, tissolva dil-problema.

**17.04.11** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li għalkemm żidna l-floodlights f'Wied il-Buni, ir-residenti xorta baqgħu jilmentaw li għad hemm id-dlam u jixtiequ li jitwaħħal il-festun. Huwa rrimarka li l-festun ma jistax jitwaħħal għax m'hemmx post. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie deċiż li jinġabru 3 kwotazzjonijiet għal fustun għal Wied

il-Buni (mingħajr il-bozoz għax diġà għandna) u tiġi ċċirkulata email mal-kunsilliera kollha.

## 17.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**17.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar l-aċċess/parkeġġ fuq il-promenade. Huwa xtaq ikun jaf jekk ir-rampa, li ġiet maħluqa waqt ix-xogħlijiet li saru fil-Bajja s-Sabiħa biex tagħti aċċess lil vetturi sabiex jipparkjaw fuq ix-xatt quddiem l-għassa, saritx bil-permess tal-Kunsill jew jekk kinitx xi struttura temporanja u jekk din tistax titneħħa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dik kienet saret mill-kuntrattur biex ikun jista' jitla' bl-inġenji. Billi mhix parking area, saret talba lil WSC fl-aħħar laqgħa li kien hemm sabiex din titneħħa.

**17.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-kwalità tal-ilma. Huwa semma li d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali ilu jimmarka l-ilma tal-bajja ta' San Ġorġ bħala ta' kwalità baxxa. Huwa xtaq ikun jaf jekk din tressqitx quddiem l-awtoritajiet kompetenti biex nifhmu s-sitwazzjoni u nsibu soluzzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea mexxieha mal-awtorità konċernata però ma kellniex risposta ċara min-naħa tal-awtorità. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex tintbagħat tfakkira.

**17.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ix-xogħlijiet tal-Enemalta. Huwa spjega li hemm numru ta' każijiet fejn il-livell ta' xogħol li sar mill-kuntratturi tal-Enemalta wara li għaddew il-cables huwa baxx bħal pereżempju hemm numru ta' trinek miksijin bil-konkos fil-Bajja s-Sabiħa li iktar ma jgħaddi ż-żmien dawn qed jispiċċaw, kif ukoll irrimarka li fi Triq Għar Dalam wara li nfetaħ wiċċ it-triq, dan ma ġiex mgħotti bit-tarmak. Huwa xtaq ikun jaf jekk nistgħux ninfurmaw lill-Enemalta u nitolbu li dan ix-xogħol isir kif suppost. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsill kellem lil IM u kif ukoll bagħat ittra formali, però s'issa ma daħal l-ebda rispons lura.

## 17.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**17.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Ġunju 2025. Huwa żied jgħid ukoll li rigward l-ittra li rċivejna mill-avukat fejn l-avukat tal-Kunsill infurmana li kien bagħat risposta lill-avukat l-ieħor, però kopja konkreta m'għandux billi huwa ġie infurmat bit-telefown.

**17.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-kuntrattur tal-ġonna bagħat korrispondenza fejn irrimarka li se jkun bix-shutdown mill-1 sal-5 ta' Settembru. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex il-kuntrattur jagħmel subcontracting u jinforma l-Kunsill li sakemm se jkun bix-shutdown ix-xogħol se jibqa' għaddej minn subcontractor.

**17.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li rċivejna korrispondenza dwar l-iBins li hemm fi Triq il-Merżuq. Huwa fakkar li ftit tax-xhur ilu dawn ġew imċaqalqa għal post iktar ċentrali. Ir-resident li bagħat din il-korrispondenza talab sabiex jitneħħew dawn l-iBins, li qegħdin ġol-qalba tar-residenti u li huma ta' inkonvenjent kbir għalihom billi meta jintrema l-ħġieġ ikun hemm ħafna storbju. Barra minn hekk dawn qed jokkupaw 3 parkeġġi. Dan ir-resident wera x-xewqa li dawn l-iBins jitmexxew fi triq oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li 'l quddiem dan il-Kunsill jista jaffaċċja

problema bl-iBins ta' Triq FM Ferretti. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li l-liġi tgħid li biex tneħħihom, il-Kunsill irid jagħmel dikjarazzjoni mal-entità GreenPak li l-Kunsill ma jridhomx u li qed jiddikjara ksur ta' liġi diretta minnu għax ma jridx dan l-obbligu. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie deċiż li 'l quddiem l-iBins ta' Triq FM Ferretti jintalbu biex jitneħħew u jinstabilhom post alternattiv.

**17.06.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ġiet iċċirkulata korrispondenza dwar l-AED. Huwa spjega li billi l-Kunsill talab li l-AED tax-xatt titwaħħal mal-ħajt tal-għassa, il-pulizija għamluha ċara li huma mhumiex se jerfgħu r-responsabbiltà tagħha. L-AED l-oħra se titwaħħal mal-faċċata tal-garaxx tal-Kunsill. Irrimarka wkoll li l-Kunsill mhux se jkun responsabbli għaż-żamma tagħhom. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Ivan Abela Grech sabiex jibda jispezzjonahom kultant żmien ħalli f'każ li jkun hemm bżonn manutenzjoni jiġbed l-attenzjoni.

**17.06.05** Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Jordy Brincat informa lill-Kunsill li rċieva ittra ta' riżenja mingħand waħda mill-impjegati. Hu spjega li peress li din l-impjegata hija fil-grad ta' Administrative Officer I, u kienet ilha inqas minn sena impjegata, il-proċess biex tiġi sostitwita huwa differenti billi l-vakanza tibqa' miftuħa sa sena minn meta bdiet taħdem magħna. Il-kunsilliera preżenti aċċettaw ir-riżenja u qablu li jibda l-proċess biex tinħatar persuna oħra fl-istess skala. Is-Sindku s-Sur Scott Camilleri rrimarka li hemm il-ħtieġa li jiżdied membru ieħor mal-persunal tal-uffiċċju sabiex tassisti fit-twettiq tal-ħidma amministrattiva. B'riżultat ta' dan, huwa ssuġġerixxa li tiġi impjegata Office Assistant fi skala 16 biex tgħin fl-operat ta' kuljum tal-Kunsill. Il-kunsilliera qablu b'mod unanimu li jinħarġu żewġ sejħiet għall-impjieg: waħda għal kull pożizzjoni msemmija, u li s-salarju tagħhom jitħallas mill-fondi tal-Kunsill Lokali.

**17.07 Korrispondenza**

**17.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm 2 ħaddiema li qed joqorbu l-età tal-irtirar u għalhekk il-Kunsill għamel talba b'mod formali lid-direct operations tal-iskema tal-komunità sabiex ikollna replacement ta' dawn il-ħaddiema, però għad m'għandna l-ebda rispons min-naħa tagħhom. Dwar din se nkomplu naħdmu fuqha sabiex jintbagħtu replacements kemm jista' jkun malajr.

**17.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li riċentement inbidel isem Triq il-Port Ħieles (parti minnha) għal Triq Joseph Farrugia 'Ir-Riki' wara proċess min-naħa tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq. Huwa semma li rċivejna petizzjoni mir-residenti ta' dik l-akkwata fejn dawn stqarrew mal-Kunsill li dan huwa ta' inkonvenjent kbir għalihom u ma qablux ma' din id-deċiżjoni. Fl-aħħar jiem huwa flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana ltaqgħu ma' xi wħud mir-residenti biex jiddiskutu din il-problema. Saret ukoll laqgħa mal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, fejn huma wkoll irċevew il-petizzjoni u kellha titla' għal laqgħa tagħhom. Hekk kif ikun hemm deċiżjoni finali min-naħa tagħhom, ir-residenti se jirċievu ittra reġistrata kull wieħed min-naħa tad-Door Numbering Unit bil-proċess kollu. Is-Sindku Scott Camilleri talab li nhar il-Ġimgħa nibagħtu lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq għal aġġornament dwar il-laqgħa li kellhom internament.

**17.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-għaqda 222 talbet sabiex issir attività b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Huma qed jitolbu li l-Kunsill jipprovdilhom mobile toilets, barriers, bins, għajnuna mill-Cleansing, u għajnuna fuq għeluq ta' toroq għal attività li se

tiġi organizzata minnhom fi Ġnien l-Indipendenza fit-12 u t-13 ta' Settembru mill-17:30 sa 00:00. Il-Kunsillier Ivan Abela Grech se jitkellem mal-kollegi tax-xogħol tiegħu sabiex jaraw liem huma l-aħjar toroq li jingħalqu. Il-Kunsill qabel li jikkollabora għal din l-attività.

**17.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna affidavit mill-persuna li għamlet il-claim tat-tyre, liema każ ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. Il-kunsilliera preżenti qablu li dil-persuna tiġi rimborżata l-ispejjeż tal-ħsara li ġarrbet.

**17.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar laqgħa ġie diskuss biex iż-żwiemel f'Wied il-Buni jibdew jinżlu bejn is-06:00 u s-06:45. Min-naħa tad-Direttorat tas-Saħħa bagħtulna lura li l-EHD ma jsib l-ebda oġġezzjoni fuq dawn il-ħinijiet, ladarba ż-żiemel jinżamm fil-limiti tal-bajja indikata. Huma rrakkomandaw li dan il-każ jiġi konsultat ukoll mal-Animal Welfare peress li l-pet friendly beaches huma ġestita minnhom. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex din il-korrispondenza tgħaddi għand il-Kunsilliera Rohasia Zammit ħalli tagħmel kuntatt dirett mal-Animal Welfare.

**17.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna talba mingħand is-Sa Susan Piscopo mill-għaqda Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar sabiex il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex jirreġistraw l-interess tagħhom ħalli jospitaw il-korsijiet ta' din l-għaqda fil-lokalità tagħhom. Huwa spjega li din is-sejħa kienet miftuħa sas-7 ta' Lulju, għalhekk laħqet għalqet, però xorta waħda l-Kunsill se jirreġistra l-interess tiegħu. Se ssir ukoll talba lill-iskola ma' Skema 9.

**17.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza dwar proġett pilota minn Project Green, bil-għan li jgħaqqdu flimkien l-ispazji ħodor u tinħoloq konnettività bejniethom u li permezz ta' dal-proġett pilota nħaddru l-mixja ta' bejniethom. Huma talbu għal laqgħa mas-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jiġu identifikati żoni li fihom jistgħu jitpoġġew elementi ħodor li jikkonsistu fi planters, qsari, u arbuxelli fejn dawn tal-aħħar jinxtraw u jitpoġġew minn Project Green, filwaqt li ż-żamma u t-tisqija tkun f'idejn ir-residenti taż-żoni identifikati. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie deċiż li napplikaw talba għall-komunità, issir laqgħa u jiġu mċaqalqa l-pots ta' Triq Żaren Dalli.

**17.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem rigward l-imwejjed u s-siġġijiet. Huwa spjega li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat infurmaw lill-Awtorità tal-Artijiet, l-MTA u l-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-abbuż li kien qed isir fiż-żona Wesgħa Carmelo Caruana. Fit-2 ta' Lulju ġew infurmati li saret spezzjoni fejn ġew assessjati l-imwejjed u s-siġġijiet mill-istabbilimenti tal-ikel. Din l-ispezzjoni saret flimkien mal-Awtorità tal-Artijiet u l-MTA. Waqt l-ispezzjoni l-uffiċjali ddiskutew mas-sidien tal-istabbilimenti is-sitwazzjoni attwali. Is-sidien ġew imfakkra li l-imwejjed u s-siġġijiet iridu jkunu armati strettament fiż-żona assenjata mill-awtorità u li fejn jinqabeż il-limitu, dawn se jitneħħew immedjatament. Wara li din is-sitwazzjoni baqgħet l-istess, ġie suġġerit li din tgħaddi għand il-ministru konċernat. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat intervjena billi qal li fl-email li bagħat inkluda wkoll lil 3 ministri konċernati. Billi ma kienx hemm rispons dwar dan, se tintbagħat tfakkira.

**17.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kellna talba għal zebra crossing fi Triq Salvatore Cachia Zammit. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li kien kellem lill-

Perit minn TM fejn ikkonfermat li rċeviet it-talba hija wkoll mir-residenta. Semma li talbitu sabiex il-perit tal-Kunsill jiddisinja pjanta u jibgħatha għall-approvazzjoni u wara li tiġi approvata jkunu jistgħu jsiru l-linji. Huwa spjega wkoll li billi hemmhekk hemm 2 blind corners mhux ħa jieħu d-deċiżjoni hu meta din il-perit hija responsabbli minn TM biex jiddeċiedu każijiet bħal dawn. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li l-Kunsillier Alex Caruana jkellem il-perit tal-Kunsill sabiex tistabbilixxi hi fejn se ssir.

**17.07.10** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li rċivejna messaġġ fuq il-midja soċjali li fi Triq FM Ferretti hemm il-bżonn li ssir road hump billi kulħadd qed isuq b'veloċità eċċessiva. Huwa se jkun qed jgħaqqad l-imsemmija road humps ma' dawk li hemm pendenti bħalissa. Se tintalab laqgħa mal-perit għas-seduta li jmiss peress li għandna ħafna xogħlijiet pendenti min-naħa tal-perit tal-Kunsill.

## 17.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**17.08.01** Il-Kunsillier Karel Zahra, bħala sekondant, tella' l-mozzjoni 03/25 – Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza tal-Iżvilupp – Carrying Capacity. Il-proponent il-Kunsillier Johann Borg propona li l-Kunsill jiddeċiedi li jsir studju mill-aktar fis possibbli dwar il-carrying capacity fil-lokalità, li huwa essenzjali għal kull lokalità sabiex jevalwa u jiddetermina kemm il-lokalità tiflaħ għal żvilupp, popolazzjoni, jew attivitajiet oħra li jkunu jistgħu jibqgħu jsiru b'mod sostenibbli mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent, l-infrastruttura, jew il-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

**Favur** 2 **Kontra** 4 **Astensjonijiet** 0

Din il-mozzjoni ma ġietx approvata.

**17.08.02** Fuq l-istess materja, is-Sindku Scott Camilleri rrikkomanda li nitkellmu mal-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea sabiex jaħdem fuq studju fuq 3 punti: il-kapaċità ambjentali (li jinkludu ħsejjes u rwejjaħ), il-kapaċità infrastrutturali (li tinkludi l-provvista tal-elettriku u s-sostenibbiltà tas-substations eżistenti) u l-użu tal-art u rezoning. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

## 17.09 Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti BLC/T/02/2025

**17.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li d-data tal-laqgħa biex jiġi diskuss it-tender tal-photocopier BLC/T/02/2025, flimkien mal-Kunsilliera Maria Mifsud u l-Kunsillier Karel Zahra, hija t-Tlieta, 22 ta' Lulju 2025 fl-10:30.

## 17.10 Bye-laws

**17.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-bye-law tal-car park tinsab fil-proċess.

**17.10.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-bye-law tal-karavans u l-ħamiem għadna qed nistennew mingħand Dr Bonello. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li għamel diversi kuntatti ma' Dr Bonello però xorta għadna ma smajna xejn. Għalhekk ġie suġġerit li jingħata deadline sal-aħħar tax-xahar, fil-każ ikollna ngħaddu għand xi ħadd ieħor.

## 17.11 Quarterly Report (Jannar – Ġunju 2025)

*Hawnhekk is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**17.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq il-quarterly report ta' bejn Jannar u Marzu 2025, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar il-quarterly report.

**17.11.02** Il-quarterly report ta' bejn Jannar u Ġunju 2025 ġie approvat unanimament mill-kunsilliera preżenti.

## 17.12 Attivitajiet u Skemi

**17.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-attività li jmiss hija Jum Birżebbuġa. Spjega li l-proċess għadu ma bediex iżda ġiet stabbilita data għal laqgħa bejn il-kumitat. Id-data tal-laqgħa hija nhar it-23 ta' Lulju fil-17:30. Il-kumitat huwa magħmul mis-Sindku Scott Camilleri, il-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-Kunsillier Ivan Abela Grech, u l-Kunsillier Karel Zahra. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, rigward ir-rikonoxximenti, ġie maqbul li dawn jintgħażlu mill-kunsilliera stess, filwaqt li għal Ġieħ Birżebbuġa se tinħoloq shortlist tan-nies li ġew nominati. Inqabel li s-16 t'Awwissu tkun id-deadline tan-nominazzjonijiet u fid-19 t'Awwissu se jiltaqa' l-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-attività ta' Jum Birżebbuġa biss.

**17.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar l-iskemi:

1. <u>SPI/SCI/9/2022 – Bandli San Ġorġ</u>
    - Il-claim għal din l-iskema se tintbagħat wara s-seduta tal-lum.
2. <u>SPI/SCI/2/2024 – Aqua Fitness Sessions</u>
    - Inbeda l-proċess sabiex nagħlqu u noħorġu l-iskema minn dil-ġimgħa.
3. <u>SPI/SCI/4/2024 – Promenade Qajjenza</u>
    - Saret laqgħa mal-perit u l-kuntrattur.
4. <u>SPI/SCI/5/2024 – Festa Bengħajsa</u>
    - Ingħalqet illum wara li ġew iffirmati l-minuti fis-seduta.
5. <u>SPI/SCI/7/2024 – Ħidma fil-Blokka tal-Kunsill</u>
    - Bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fil-blokka tal-Kunsill.
6. <u>SPI/SCI/2/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026</u>
    - L-applikazzjoni għal din l-iskema ġiet aċċettata u l-Kunsill Lokali ħa s-somma ta' €20,000.
7. <u>SPI/SCI/3/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa</u>
    - L-applikazzjoni għal din l-iskema ntbagħtet iżda għadna mingħajr risposta.
8. <u>SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025</u>
    - L-applikazzjoni għal din l-iskema ntbagħtet iżda għadna mingħajr risposta.

9. <u>SPI/SCI/5/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026</u>
    - L-applikazzjoni għal din l-iskema ntbagħtet iżda għadna mingħajr risposta.

10. <u>SPI/SCI/7/2025 – Finanzjament – Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità</u>
    - L-applikazzjoni għal din l-iskema għad trid tintbagħat. Din se tinkludi dawl dekorattiv fi Triq Żaren Dalli. L-ammont ta' din l-iskema huwa ta' €100,000.

**17.12.03** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar il-proġetti pendenti li hemm bħalissa:

1. <u>Vjal Kulħadd</u>: Rigward ix-xogħlijiet fil-Qajjenza għadna qed nistennew minn IM.

2. <u>Monument Joseph Zammit</u>: Il-Kunsillier Alex Caruana ltaqa' mal-kuntrattur li ħa jaħdem fuqu. Huwa maħsub li dan jitlesta għal Settembru.

3. <u>Junction fi Triq ir-Raddiena</u>: Il-Kunsill Lokali ħallas il-permessi meħtieġa u informa lill-IM biex jagħmlu x-xogħol.

4. <u>Proġett Speed Humps</u>: Il-Kunsillier Alex Caruana qiegħed f'kuntatt mal-perit u IM.

5. <u>Proġett Promenade u Berġa/Librerija</u>: Il-PWD qed jagħlqu l-proċessi biex jiġu ppubblikati n-numri tal-PA.

## 17.13 Notifiki tal-Awtorità tal-Ippjanar

**17.13.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ta spjegazzjoni fuq il-proċess tal-iċċekkjar tal-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa qal li l-kunsilliera kollha jirċievu email kull nhar ta' Ħamis jew Ġimgħa b'link għall-gazzetta tal-gvern. Billi mhux kulħadd jara dawn in-notifiki, huwa ssuġġerixxa li nistaqsu l-konsulent ambjentali tal-Kunsill sabiex jagħmel sagħtejn fil-ġimgħa biex jara dawn in-notifiki u jagħti sommarju ta' x'hemm għax ħafna drabi qed ikun hu li jinnota xi applikazzjoni li tista' tqajjem xi kwistjoni. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie maqbul li niċċekkjaw mal-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea sabiex jagħtina r-rati tiegħu għal dan ix-xogħol.

## 17.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**17.14.01** Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa dwar pagament numru 9. Huwa xtaq ikun jaf jekk l-ammont imsemmi huwiex ta' xahar wieħed biss. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ikkonferma li dik hija rata ta' xahar wieħed.

**17.14.02** Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa dwar pagament numru 23, 24, u 25. Huwa xtaq ikun jaf jekk l-ammonti jaqblux mal-kwotazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li ma kellux il-kwotazzjoni miegħu però se jiċċekkja u jagħtih risposta dwarha.

*Petty cash:*

**17.14.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 17.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**17.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fid-21:15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 12 t'Awwissu 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 12 t'Awwissu 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________ | ___________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |